



Il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida

Premjijiet 2024

GWIDA GĦALL-APPLIKANTI

1. Il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida

Il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida (NEB) hija inizjattiva kreattiva u interdixiplinari li tikkollega l-[Patt Ekoloġiku Ewropew](#) mal-ispazji tal-għajxien u mal-esperjenzi tagħna. Din tistieden lill-Ewropej kollha jimmaġinaw u jibnu flimkien futur sostenibbli u inklużiv li jkun sabiħ għal għajnejna, għal moħħna u għal ruħna.

Bil-foqien ta' pontijiet bejn sfondi differenti, b'riżultati miksubin minn dixiplini differenti u b'bażi fuq il-parteċipazzjoni fil-livelli kollha, il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida tispira moviment biex jiffaċilita u jmexxi t-trasformazzjoni tas-soċjetajiet tagħna skont tliet valuri inseparabli:

- **is-sostenibbiltà**, mill-għanijiet klimatiċi għaċ-ċirkolarità, it-tniġġis żero u l-bijodiversità
- **I-inklużjoni**, mill-valorizzazzjoni tad-diversità, għall-iżgurar tal-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà
- **I-estetika u I-kwalità tal-esperjenza** għan-nies, permezz tad-disinn, u l-benefiċċji kulturali

Soluzzjonijiet tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida jinkorporaw dawn il-valuri f'azzjonijiet li **jikkombinaw id-dimensjonijiet lokali, Ewropej u globali u jisfruttaw il-potenzjal ta' approċċi parteċipattivi u transdixiplinari**. L-involvement tal-partijiet ikkonċernati lokali fil-foqien konġunt ta' proġetti tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida jinsab fil-qalba tal-inizjattiva Bauhaus Ewropea I-Ġdida.

L-inizjattiva tnediet mill-Kummissjoni Ewropea fl-2020 u tfasslet flimkien ma' eluf ta' persuni u organizzazzjonijiet madwar l-Ewropa u lil hinn minnha. Minn dak iż-żmien, il-komunità tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida qatt ma waqfet tikber. Biex jiċċelebra din il-kisba u biex jippromwovi ulterjorment il-valuri tas-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-estetika, fl-2024, il-**Festival tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida** se jiġbor għat-tieni edizzjoni tiegħu persuni minn kull qasam tal-ħajja biex jiddibattu u jsawru l-futur tagħna. Bil-motto **"Riżorsi għal kulħadd", mis-17 ta' April sal-21 ta' April**, se jsiru diversi workshops, attivitajiet u diskussjonijiet fi Brussell fl-istess ħin ma' avvenimenti anċillari fi bliet madwar l-UE. Il-Festival se jospita wkoll iċ-**Ċerimonja tal-Għoti tal-Premjijiet tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida 2024**, fejn se niċċelebraw il-proġetti u l-kunċetti brillanti tal-finalisti kollha, u nħabbru r-rebbieħa tal-kompetizzjoni.

2. Il-Premjijiet tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida

Il-Premjijiet tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida jirrikonoxxu u jagħtu viżibbiltà lill-proġetti u l-kunċetti innovattivi miċ-ċittadini mill-Ewropa u lil hinn minnha.

L-aħħar tliet edizzjonijiet tal-Premjijiet tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida fl-2021, l-2022 u l-2023 urew l-impenn tan-nies madwar l-Ewropa u barra minnha li joħolqu dinja aktar sostenibbli, inklużiva u sabiħa. Issa hija kompetizzjoni annwali stabbilita sew li tispira l-

prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fi proġetti lokali tal-ħajja reali. Il-Premjijiet ipprovdew pjattaforma għan-nies biex jesprimu l-kreattività, it-talent, u l-ideat innovattivi tagħhom għall-benefiċċju tal-komunitajiet u tas-soċjetà tagħhom b'mod ġenerali f'konformità mas-sostenibbiltà, l-estetika u l-inklużività bħala valuri ewlenin.

Matul l-aħħar tliet edizzjonijiet, il-Premjijiet irrikonoxxew u taw viżibbiltà lill-proġetti eżistenti, kif ukoll lil kunċetti żviluppatti minn talenti żgħażaġħ u promettenti. B'total ta' aktar minn 4 500 applikazzjoni li waslu, u 52 rebbieħ, il-Premjijiet huma xhieda tad-dedikazzjoni notevoli ta' individwi u organizzazzjonijiet għall-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

3. L-Edizzjoni tal-Premjijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida 2024

Filwaqt li l-elementi ewlenin tal-Premjijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida jibqgħu l-istess, ir-raba' edizzjoni tinkludi tliet novitajiet:

L-ewwel nett, l-edizzjoni tal-2024 tal-Premjijiet se tagħti ħarsa speċjali lejn ir-reġjuni li qed jiffaċċjaw uħud mill-aktar kwistjonijiet soċjoekonomiċi urġenti fl-UE u fil-qalba tal-azzjonijiet tal-politika ta' koeżjoni tal-UE. Dawn huma reġjuni li qed jiffaċċjaw sfidi aktar intensivi, bħal li jiżguraw standards ta' għajxien tajbin għaċ-ċittadini, jipprovdu aċċess universali għal servizzi bażiċi, jindirizzaw il-qgħad, u jżommu talenti żgħażaġħ. Barra minn hekk, il-Premjijiet tal-2024 se jagħmlu enfasi fuq dawk il-postijiet l-aktar milquta mill-kostijiet soċjoekonomiċi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni klimatika, b'enfasi partikolari fuq ir-reġjuni appoġġati mill-“Fond għal Tranżizzjoni Ġusta” - parti integrali mill-isforz tal-UE biex tgħin lil dawn it-territorji fid-diversifikazzjoni u r-rikonverżjoni tagħhom.

Bil-għan li jixprunaw bidla pożittiva f'dawn it-territorji, b'mod partikolari billi jipprovdu eżempji ta' ispirazzjoni ta' kif għandhom jiġu indirizzati b'suċċess il-kwistjonijiet li jiffaċċjaw, **kwart mill-premjijiet se jingħataw lil applikazzjonijiet ta' proġetti u kunċetti li joriġinaw minn dawn ir-reġjuni**. Il-mapep tar-reġjuni kkunsidrati huma disponibbli fl-Anness 1, flimkien ma' lista ta' dawn ir-reġjuni fl-Anness 2¹.

It-tieni, l-edizzjoni tal-2024 tal-Premjijiet se tilqa' **applikazzjonijiet ta' proġetti u kunċetti fl-Ukrajna**, flimkien mal-Istati Membri tal-UE u l-Balkani tal-Punent.

It-tielet, biex jirrikonoxxu u jappoġġaw **l-isforzi ta' reżiljenza, ta' rkupru u ta' rikostruzzjoni tal-Ukrajna**, il-Premjijiet tal-2024 se jagħtu wkoll premju ddedikat lil proġett jew lil kunċett li jappoġġa l-isforz ta' rikostruzzjoni u ta' rkupru tal-pajjiż fl-ispirtu tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Dan il-premju **“Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta' Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna”** għandu l-għan li jirrikonoxxi u jikkontribwixxi għat-tnejn tar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, kif ukoll għal sforzi oħra fl-irkupru soċjali u ekonomiku tal-pajjiż. Dan jinkoraġġixxi proġetti u kunċetti allinjati mal-valuri u l-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida li jħallu impatt pożittiv fuq l-aspetti infrastrutturali, soċjali, ekonomiċi (jew taħlita ta' dawn) tal-proċess ta' rkupru fl-Ukrajna u se jirrikonoxxi l-aħjar

¹ Kif definit fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi u r-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

proġett jew kunċett fosthom bi premju ddedikat. Dan ir-rikonoxximent speċjali għandu jipprovdi ispirazzjoni u jrawwem kollaborazzjoni u involviment akbar bejn is-sħab tal-Ukrajna u l-komunità tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida.

Bħal fiż-żewġ edizzjonijiet preċedenti, il-Premjijiet tal-2024 se jingħataw f'erba' kategoriji stabbiliti bbażati fuq l-assi tematiċi ta' trasformazzjoni li jiggwidaw it-twertiq tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida²:

- **Konnessjoni mill-ġdid man-natura**
- **Kisba mill-ġdid ta' sens ta' appartenenza**
- **Il-prijoritizzazzjoni tal-postijiet u tan-nies li l-aktar għandhom bżonnha**
- **It-tfassil ta' ekosistema industrijali ċirkolari u l-appoġġ għal ħsieb tul iċ-ċiklu tal-ħajja**

F'kull waħda mill-erba' kategoriji, hemm stabbiliti żewġ oqsma paralleli tal-kompetizzjoni:

- **Fergħa A: "Promoturi tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida"** se jkun iddedikat għal proġetti eżistenti u għal proġetti li jkunu tlestew b'riżultati ċari u pożittivi.
- **Fergħa B: "Stilel Ġodda tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida"** se jkun iddedikat għal kunċetti ppreżentati minn talenti żgħażaġħ ta' 30 sena jew iżgħar. Il-kunċetti jistgħu jkunu fi stadji differenti ta' żvilupp, minn ideat bi pjan ċar għal-livell tal-prototip.

Se jingħataw total ta' **20 premju** fil-Premjijiet tal-2024:

- Fil-Fergħa A, se jintgħażlu rebbieħ u finalist (it-tieni post) f'kull kategorija minn ġurija esperta (jiġifieri, 4 rebbieħa u 4 finalist)
- Fil-Fergħa B, se jintgħażlu rebbieħ u finalist (it-tieni post) f'kull kategorija minn ġurija esperta (jiġifieri, 4 rebbieħa u 4 finalist)
- Se jintgħażlu rebbieħ u finalist wieħed tal-Ukrajna għall-premju "Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta' Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna" fil-kategoriji u l-fergħat kollha minn ġurija esperta
- F'kull Fergħa, se jintgħażel rebbieħ wieħed bejn il-kategoriji permezz ta' vot pubbliku online (jiġifieri, total ta' 2 rebbieħa)

Kwart mill-premjijiet kollha (jiġifieri, mill-inqas total ta' 5 premjijiet fil-kategoriji u l-fergħat kollha) se jiġu allokat għal applikazzjonijiet li jinsabu fir-reġjuni tal-UE li qed jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi b'mod aktar intensiv, u postijiet li qed jiffaċċjaw l-akbar sfida minħabba li jeħtieġ li jevolvu f'ekonomija b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju. (Ara l-mapep tar-reġjuni eliġibbli kkunsidrati fl-Anness 1, flimkien ma' lista ta' dawn ir-reġjuni fl-Anness 2).

Ir-rebbieħa kollha se jiġiħabbru f'ċerimonja uffiċjali ospitata mill-Kummissjoni Ewropea, fil-Festival tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida.

² Il-kategoriji jesprimu l-viżjoni żviluppata fil-[Komunikazzjoni](#) tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida, billi jużaw il-kontributi tal-partijiet ikkonċernati fl-istadju tad-disinn minn isfel għal fuq tal-inizjattiva.

4. Il-premju

Ir-rebbieħa u l-finalisti se jirċievu premju monetarju ta':

- **EUR 30 000** għar-rebbieħa tal-Promoturi tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (Fergħa A)
- **EUR 15 000** għar-rebbieħa tal-Istielel Ġodda tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (Fergħa B)
- **EUR 20 000** għal dawk li jiġu fit-tieni post tal-Promoturi tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (Fergħa A)
- **EUR 10 000** għal dawk li jiġu fit-tieni post tal-Istielel Ġodda tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (Fergħa B)
- **EUR 30 000** għar-rebbieħ tal-premju "Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta' Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna".
- **EUR 15 000** għal dawk li jiġu fit-tieni post tal-premju "Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta' Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna".

Minbarra ammont monetarju, kull rebbieħ u finalist se jibbenefika minn pakkett ta' komunikazzjoni pprovdut mill-Kummissjoni Ewropea (eż. il-promozzjoni fil-media soċjali u fis-siti web tal-Kummissjoni Ewropea, il-produzzjoni ta' vidjo qasir u l-appoġġ fil-promozzjoni tal-proġetti).

5. L-Erba' Kategoriji



Konnessjoni mill-ġdid man-natura

Se nkunu qed inħarsu lejn eżempji ta' ispirazzjoni ta' proġetti sbieħ, sostenibbli u inklużivi li jġibu lill-individwi u lill-komunitajiet eqreb tan-natura, li jikkontribwixxu għar-riġenerazzjoni tal-ekosistemi naturali u li jipprevjenu t-telf tal-bijodiversità jew li jistednuhom iqisu mill-ġdid ir-relazzjoni tagħhom man-natura f'perspettiva ċċentrata fuq il-ħajja, bħala alternattiva għal dik iċċentrata fuq il-bniedem.

L-eżempji jistgħu jinvolvu t-trasformazzjoni fiżika ta' postijiet li juru kif ambjent u spazji pubbliċi mibnijin ġodda, rinnovati jew riġenerati jistgħu **jikkontribwixxu għall-protezzjoni, għar-restawr u/jew għar-riġenerazzjoni ta' ekosistemi naturali** (inklużi ċ-ċikli tal-ħamrija u tal-ilma) u **tal-bijodiversità**. L-użu ta' **soluzzjonijiet u materjali bbażati fuq in-natura** jistgħu jkunu dimensjonijiet importanti fit-trasformazzjoni fiżika.

It-trasformazzjoni għandha tiffavorixxi ukoll l-inklużjoni soċjali, pereżempju billi tqis l-affordabbiltà u l-aċċessibbiltà tal-post, inklużi l-prinċipji ta' disinn universali, billi jużaw il-**preservazzjoni u r-restawr tal-ambjent tagħhom** bħala komputu komuni għall-komunità kollha, bl-użu ta' **żoni ekoloġiċi bħala konnetturi** bejn spazji komuni u kondiviżi f'distretti differenti. It-trasformazzjoni għandha ġġib benefiċċji ta' kwalità tal-esperjenza għall-komunitajiet, filwaqt li jitqiesu pereżempju t-tradizzjonijiet u l-wirt kulturali lokali u l-ħtiġijiet lokali.

L-eżempji jistgħu juru wkoll kif avvenimenti, attivitajiet, proċessi, prodotti jistgħu **jwasslu sensazzjoni jew esperjenza li persuna tħossha parti min-natura u jġibu bidla fil-perspettiva lejn in-**

2



natura. Dawn jistgħu jkunu inizzjattivi relatati mal-viċinat, inizzjattivi taċ-ċittadini, inizzjattivi artistiċi u festivals, eċċ.

Kisba mill-ġdid ta' sens ta' appartenenza

Se nkunu qed inħarsu lejn eżempji ta' ispirazzjoni ta' proġetti sbieħ, sostenibbli u inklużivi li jikkontribwixxu biex iġibu sens ta' appartenenza, "spirtu" jew "tifsira" ta' postijiet, komunitajiet jew prodotti u li jiċċelebraw id-diversità.

Eżempji jistgħu jinvolvu t-trasformazzjoni fiżika ta' postijiet li juru kif ambjent mibni ġdid, rinnovat, irranġat jew riġenerat jista' **jingħaqad mal-wirt u t-tradizzjonijiet storiċi lokali jew mal-karatteristiċi lokali tar-realtajiet demografiċi kontemporanji, id-dinamika kulturali u artistika u l-istili tal-ħajja.** Huma jistgħu juru wkoll kif il-proċessi riġenerattivi jistgħu jikkontribwixxu għar-**restawr tas-sens ta' appartenenza jew għat-tfassil ta' ambizzjonijiet orjentati lejn il-futur għall-komunitajiet fil-livell lokali jew reġjonali.** L-adattament mill-ġdid ta' spazji lejn **skambji interġenerazzjonali pożittivi u bini tal-komunità** jistgħu jkunu dimensjonijiet importanti.

Eżempji jistgħu jinvolvu wkoll l-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew mudelli tan-negozju li **jibnu fuq il-kultura lokali, it-tradizzjonijiet, l-għarfien, l-artiġjanat u d-diversità u l-kreattività kontemporanji.** Jistgħu jkunu moda, għamara, jew disinn intern, iżda wkoll ikel jew elementi oħra tal-ħajja tagħna ta' kuljum li jgħorru sens ta' appartenenza fuq skala lokali.

3



Il-prijoritizzazzjoni tal-postijiet u tan-nies li l-aktar għandhom bżonnha

Se nkunu qed infittxu eżempji ta' ispirazzjoni ta' proġetti sbieħ, sostenibbli u inklużivi li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-ħtiġijiet tat-territorji, tal-komunitajiet u tal-individwi li jeħtieġu attenzjoni partikolari u urġenti minħabba karatteristiċi ekonomiċi, soċjali jew fiżiċi speċifiċi.

L-eżempji jistgħu jinvolvu t-trasformazzjoni fiżika u r-riġenerazzjoni tat-territorji u tal-postijiet, inklużi l-irħula żgħar, iż-żoni rurali, il-bliet li qed jiċkienu, id-distretti tal-bliet li huma degradati, iż-żoni deindustrijalizzati, il-postijiet li jilqgħu r-refuġjati jew il-postijiet li jaspiraw li jkunu aċċessibbli għal kulħadd. Dan jista' jinvolvi l-iżvilupp ta' **proġetti ambizzjużi ta' akkomodazzjoni soċjali u temporanja u l-konverżjoni mill-ġdid, ir-rinnovazzjoni, ir-riġenerazzjoni tal-bini u l-inħawi tagħhom biex jiġu miġġielda s-segregazzjoni u l-iżolament.** L-eżempji jistgħu jindirizzaw ukoll il-ħtiġijiet partikolari tal-gruppi u l-individwi li huma l-aktar vulnerabbli, pereżempju, **li qed jaħarbu minn kunflitt armat, li huma f'riskju ta' esklużjoni jew ta' faqar, jew li jesperjenzaw il-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar.**

L-eżempji jistgħu juru wkoll kif l-implimentazzjoni avvanzata tal-prinċipju ta' **"disinn universali"** għat-trasformazzjoni tal-ambjent mibni tista' tindirizza kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà, kif ukoll tindirizza fatturi ta' tixjiħ.



Proposti oħra jistgħu juru kif is-**servizzi komunitarji**, il-modi ġodda ta' kif jitlaqqgħu flimkien diversi komunitajiet (eż. kuntesti multiġenerazzjonali) u/jew diversi funzjonijiet (akkomodazzjoni, inklużjoni soċjali, eċċ.) jistgħu jġibu **soluzzjonijiet ġodda għall-indirizzar ta' ħtiġijiet speċifiċi**. Eżempji jistgħu jinkludu wkoll mudelli ta' sjieda u ta' negozju, bħal **skemi kontra l-ispekulazzjoni, mudelli kooperattivi jew investimenti b'impatt**.

It-tfassil ta' ekosistema industrijali ċirkolari u l-appoġġ għal ħsieb tul iċ-ċiklu tal-ħajja

Se nkunu qed infittxu eżempji ta' ispirazzjoni ta' proġetti sbieħ, sostenibbli u inklużivi li jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni tal-ekosistemi industrijali lejn prattiki aktar sostenibbli fi spirtu ta' ċirkolarità, filwaqt li nqisu aspetti soċjali rilevanti.

L-eżempji jistgħu jinvolvu t-trasformazzjoni ta' elementi ta' ktajjen ta' valur speċifiċi mill-akkwist ta' materja prima għar-riċiklaġġ tal-iskart f'diversi ekosistemi, mill-**kostruzzjoni għas-setturi tat-tessuti u tal-istil tal-ħajja** (għamara, disinn, eċċ.). F'dak is-sens, proċessi ġodda, materjali ġodda, **soluzzjonijiet u prodotti bbażati fuq in-natura** miksubin b'mod sostenibbli, jew mudelli ġodda ta' negozju li jġibu benefiċċji ċari f'termini ta' sostenibbiltà u ta' ċirkolarità, kif ukoll f'termini ta' kwalità tal-ħajja għal kulħadd u disinn universali jistgħu jkunu eżempji rilevanti. L-aspetti tal-affordabbiltà u tal-inklużjoni soċjali għandhom jiġu integrati hawnhekk kif xieraq.

L-eżempji jistgħu jippromwovu mudelli ekonomiċi ġodda b'mod partikolari fl-**ekonomija soċjali u ta' prossimità u fl-investimenti ta' impatt**. L-eżempji jistgħu jinkludu wkoll inizjattivi, li permezz tat-trasformazzjoni tal-ekosistema jew tal-proċessi industrijali kkontribwew ukoll għall-iżvilupp soċjoekonomiku ġenerali tal-lokalità/tar-reġjun. L-eżempji jistgħu jikkonsistu wkoll f'metodi, f'għodod jew fi gwidi, li jiffaċilitaw l-(awto)valutazzjoni tal-prestazzjoni taċ-ċirkolarità għal diversi tipi ta' prodotti u servizzi.

6. Kif tapplika

L-applikazzjonijiet għall-Premijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għandhom jiġu sottomessi permezz tal-pjattaforma dedikata. Il-proġetti lesti (Fergħa A) jew il-kunċetti (Fergħa B) għandhom jiġu deskritti fid-dettall fil-formola ta' applikazzjoni rilevanti.

L-applikazzjoni għandha tagħti dettalji dwar kif il-proġett jew il-kunċett jirrifletti u jsarraf **il-valuri u l-prinċipji ta' ħidma tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida**. Din għandha tinkludi wkoll elementi li jirriflettu l-**kriterji tal-eliġibbiltà u għall-aġġudikazzjoni** li jvarjaw xi ftit għal kull fergħa (ara hawn taħt).

Kull applikazzjoni tista' tiġi sottomessa taħt kategorija waħda u f'fergħa waħda biss. Kull applikant jista' jissottometti applikazzjonijiet multipli sakemm dawn ikunu relatati ma' proġetti jew kunċetti differenti.

L-applikanti tal-premju “Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta’ Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna” jridu jindikaw fil-formola tal-applikazzjoni l-interess tagħhom li japplikaw għal dan il-premju. Applikanti mill-Ukrajna biss huma eliġibbli għal dan il-premju, u l-proġetti jew il-kunċetti jridu jiġu implimentati fl-Ukrajna.

Il-perjodu tal-applikazzjoni se jibda fit-**02 ta’ Ottubru 2023** u se jintemm fl-**10 ta’ Novembru 2023 fis-19:00 CET**³.

Inti mistieden/mistiedna ssegwi l-pjattaforma tal-Premjijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għal aktar informazzjoni u aġġornamenti, u tista’ tibgħat il-mistoqsijiet tiegħek lill-indirizz elettroniku funzjonali (EC-Contact-NEB-Prizes@ec.europa.eu) indikata fil-pjattaforma.

L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu mmodifikati u aġġornati waqt li jkunu fi stat ta’ abbozz. Jekk jogħġbok tibqax tistenna sal-iskadenza finali biex tissottometti l-applikazzjoni tiegħek biex tevita problemi tal-aħħar minuta, bħal dewmien biex titla’ l-paġna li jista’ jseħħ fil-ħin tal-għeluq tas-sottomissjonijiet. Huma biss l-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi sal-iskadenza uffiċjali li se jitqiesu mill-Kumitat għall-Evalwazzjoni.

7. Kriterji ta’ eliġibbiltà

It-taqsimha li ġejja tipprovdi spjegazzjonijiet dettaljati dwar il-kriterji ta’ eliġibbiltà għall-applikanti u għall-applikazzjonijiet. Tista’ ssib tabella biex tgħinek tivverifika l-konformità tiegħek mal-kriterji tal-eliġibbiltà fl-Anness 3.

7.1. Applikanti Eliġibbli

L-applikanti kollha għall-Premjijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida jridu jissodisfaw il-kriterji ta’ eliġibbiltà li ġejjin:

1. L-applikanti jistgħu jkunu residenti tal-UE jew mhux tal-UE, sakemm il-proġetti jew kunċetti tagħhom ikunu implimentati fl-UE, fil-Balkani tal-Punent⁴, jew fl-Ukrajna.
2. Għall-premju “Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta’ Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna”, jekk jogħġbok ara l-ispeċifikazzjoni f’7.2. “Kjarifika għall-premju “Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta’ Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna””
3. Japplikaw regoli speċjali għal ċerti entitajiet (eż. entitajiet soġġetti għal miżuri ristretti tal-UE skont l-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE)⁵ u entitajiet koperti mil-Linji Gwida tal-Kummissjoni Nru 2013/C 205/05⁶). Tali entitajiet ma humiex eliġibbli li jipparteċipaw fi kwalunkwe kapaċità.

³ Matul il-perjodu tal-applikazzjonijiet, il-Kummissjoni Ewropea tista’ toħroġ deċiżjoni biex testendi l-iskadenza għall-applikazzjonijiet. Deċiżjoni dwar estensjoni tiġi kkomunikata fuq is-sit web tal-Premjijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida 2024.

⁴ L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo*, il-Maċedonja ta’ Fuq, il-Montenegro u s-Serbja.

* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

⁵ Jekk jogħġbok innota li Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fih il-lista uffiċjali u, f’każ ta’ kunflitt, il-kontenut tiegħu jipprevali fuq dak tal-[Mappa tas-Sanzjonijiet tal-UE](#)

⁶ Il-linji gwida tal-Kummissjoni Nru [2013/C 205/05](#) dwar l-eliġibbiltà tal-entitajiet Iżraeljani u l-attivitajiet tagħhom fit-territorji okkupati minn Iżrael minn Ġunju 1967 għal għotjiet, premjijiet u strumenti finanzjarji finanzjati mill-UE mill-2014 ‘il quddiem (ĠU C 205, 19.07.2013, pp. 9-11).

4. L-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata minn:
 - a) Fil-Fergħa A: l-individwu/i jew l-organizzazzjoni(jiet) (belt jew reġjun, persuna/organizzazzjoni li tipprovdi l-fondi, organizzatur) li huwa/huma intitolat(i) li jirrappreżenta(w) l-proġett.
 - b) Fil-Fergħa B: l-individwu/i jew l-organizzazzjoni(jiet) li huma l-awtur(i) tal-kunċett. Jekk diversi koawturi jkunu l-moħħ wara l-kunċett u jkunu pparteċipaw fid-disinn/fl-iżvilupp tiegħu, l-awturi kollha jridu jiġu elenkati kif xieraq. L-applikanti kollha f'din il-fergħa jrid ikollhom 30 sena jew inqas fl-aħħar jum tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, inklużi r-rappreżentanti kollha tal-organizzazzjoni involuti fil-ħolqien tal-kunċett partikolari.
5. L-applikant ma għandux ikun f'sitwazzjoni waħda jew aktar ta' esklużjoni previsti skont l-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju⁷.
6. L-applikant se jerfa' r-responsabbiltà unika fil-każ ta' pretensjoni relatata mal-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-kompetizzjoni.
7. L-isem tar-rappreżentant legali jrid jiġi indikat.

7.2. Applikazzjonijiet Eliġibbli

Barra minn hekk, l-**applikazzjonijiet** kollha għall-Premijijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida jridu jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

1. L-applikazzjoni trid tiġi sottomessa permezz tal-pjattaforma online mhux aktar tard mill-10 ta' Novembru 2023, fis-19:00.00 CET.
2. L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi bl-Ingliż.
3. Minħabba li l-finanzjament doppju huwa strettament ipprobit, l-applikazzjonijiet li jkopru proġetti u kunċetti, li diġà jkunu rċevew premju monetarju tal-UE, ma jistgħux jipparteċipaw fil-kompetizzjoni.
4. L-applikazzjonijiet għal proġetti jew kunċetti li jkunu diġà rċevew finanzjament pubbliku, inkluż mill-UE (eż. għotja) huma eliġibbli, sakemm ma jkunux rebħu premju monetarju tal-UE.
5. L-applikazzjonijiet eliġibbli li ma jkunux ingħataw premju tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fi kwalunkwe waħda mill-fergħat u l-kategoriji f'edizzjonijiet preċedenti tal-premju tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida jistgħu jerġgħu jissottomettu applikazzjonijiet tal-istess proġett jew kunċett, diment li jqisu l-kriterji applikabbli kif deskritti f'din il-Gwida għall-Aplikanti.
6. L-istess proġett jew kunċett ma jistax jiġi sottomess għal diversi kategoriji jew għal fergħat differenti.
7. L-istess applikant(i) jista' jissottometti/jistgħu jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda, iżda dawn iridu jkunu applikazzjonijiet differenti (proġetti jew kunċetti) għal kategoriji jew fergħat differenti, ara l-punt 6 hawn fuq. L-ebda applikazzjoni li tkun l-istess ma hija permessa darbtejn. Applikazzjonijiet multipli relatati mal-istess proġett jew kunċett taħt kategoriji jew fergħat differenti ma humiex se jkunu eliġibbli.

⁷ L-Artikolu 136, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32018R1046&from=mt>

8. L-applikazzjoni għandha tikkonsisti f'formola tal-applikazzjoni mimlija kollha kemm hi, kif tinsab fuq is-sit web; l-oqsma obligatorji kollha jridu jintlew kif xieraq. Kull applikant irid jiffirma d-Dikjarazzjoni ta' Privatezza li takkumpanja l-formola tal-applikazzjoni.
9. L-applikazzjoni għandu jkun fiha informazzjoni u krediti bażiċi għax-xogħol/kunċett, flimkien ma':
 - **Fil-Fergħa A:** mill-anqas sitt ritratti b'indikazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-awtur u l-awtorizzazzjoni biex jintużaw mill-Kummissjoni Ewropea. Għal proġetti li ma jistgħux jiġu ppreżentati permezz ta' ritratti, jista' jintuża tip ieħor ta' rappreżentazzjoni viżwali (grafts, tpinġijiet, eċċ.).
 - **Fil-Fergħa B:** mill-anqas ritratt wieħed jew rappreżentazzjoni viżiva waħda tal-kunċett b'indikazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-awtur u l-awtorizzazzjoni biex dawn jintużaw mill-Kummissjoni Ewropea.
10. L-applikanti jridu jirreferu b'mod ċar għall-kategorija tal-premju u għall-fergħa li huma japplikaw għalihom fil-formola tal-applikazzjoni tagħhom.
11. L-applikazzjonijiet kollha jridu jkunu relatati ma' post/reġjun konkret, ikollhom grupp fil-mira ċar, u objettiv(i) definit(i) b'mod ċar. Dawn għandhom jirriflettu dwar kif jikkontribwixxu biex jindirizzaw l-isfidi speċifiċi li qed tiffaċċja ż-żona tal-post/reġjun tagħhom.
12. L-applikazzjonijiet iridu jispjegaw kif il-proġett jew il-kunċett jintegra u jippromwovi l-valuri u l-prinċipji ta' ħidma tal-Bauhaus Ewropea l-Għdida, u kif se jtejbu l-ħajja tan-nies u tal-komunitajiet fit-tul.
13. Il-proġetti u l-kunċetti jridu jiġu implimentati fl-UE, fil-Balkani tal-Punent, jew fl-Ukrajna.
14. Proġetti u kunċetti li jindikaw ambitu ġeografiku internazzjonali fil-formola tal-applikazzjoni jridu jiġu implimentati primarjament fl-UE, fil-Balkani tal-Punent, jew fl-Ukrajna.
15. Fil-fergħat kollha, il-proġetti u l-kunċetti li ma jkollhom l-ebda replikabbiltà f'kuntesti differenti ma humiex eliġibbli. Ir-replikabbiltà tfisser il-possibbiltà li tiġi implimentata jew applikata f'lokalità differenti minn dik minn fejn toriġina.
16. L-applikazzjonijiet iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward tal-maturità (il-progress tal-implimentazzjoni) li għandha tingħata prova ta' dan b'dokumenti mehmuża mal-formola tal-applikazzjoni:
 - a) Proġetti taħt il-**fergħa A** jridu jkunu diġà tlestew bis-sħiħ fiż-żmien meta ssir l-applikazzjoni. It-tlestija bis-sħiħ tindika li ma jkun hemm l-ebda komponent nieqes għall-proġett (kemm jekk huma komponenti fiżiċi/tanġibbli kif ukoll intanġibbli). Il-proċessi, l-għodod, il-mudelli tan-negozju, il-metodi eċċ. jeħtieġ li jkunu ġew żviluppati bis-sħiħ sal-mument tal-applikazzjoni. Proġetti f'din il-fergħa jeħtieġ li jkunu ġew implimentati jew applikati f'mill-anqas każ speċifiku wieħed.
 - b) Il-kunċetti taħt il-**fergħa B** jistgħu jkunu fi stadji differenti ta' żvilupp, mill-kunċetti bikrija sal-livell ta' prototip, u għandhom jiġu ppreżentati bi pjan ta' żvilupp, li jiddeskrivi l-istadji pplanati previsti biex jiżviluppaw, jippromwovu u/jew jimplimentaw ulterjorment il-kunċett b'enfasi partikolari fuq is-sena ta' wara l-applikazzjoni.

17. L-applikazzjoni għandha tinkludi evidenza tal-livell ta' maturità, tar-riżultati, tal-progress fl-implimentazzjoni, li jvarjaw għal kull fergħa, u l-evidenza dokumentarja xierqa għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni għal:
- Għall-**fergħa A**, l-applikazzjoni għandha tagħti dettalji dwar ir-riżultati u l-eżiti miksuba tal-proġetti mlestija, eż. rapport ta' evalwazzjoni, rapport finali tal-proġett, ċertifikazzjoni rilevanti, eċċ.
 - Għall-**fergħa B**, l-applikazzjoni għandha turi impenn biex timplimenta l-kunċett fil-prattika billi tinkludi pjan ta' żvilupp, li jagħti dettalji dwar il-passi previsti għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-kunċett.
18. Applikazzjonijiet li jindikaw ambitu ġeografiku internazzjonali jridu juru u jipprovdu evidenza b'mod ċar għal sħubija jew kooperazzjoni, ma' Stat Membru wieħed jew aktar tal-UE, mal-Balkani tal-Punent, u/jew mal-Ukrajna. Din is-sħubija jew din il-kooperazzjoni ma għandhiex bżonn tkun ftehim formalizzat, iżda trid titqies bħala ġenwinament konġunta u kooperattiva. L-applikazzjoni trid tindika kif is-sħab bejn il-fruntieri jikkooperaw fiż-żewġ dimensjonijiet li ġejjin: l-iżvilupp u l-implimentazzjoni konġunti (eż., kif il-proġett jew il-kunċett huwa mfassal b'mod konġunt mas-sħab internazzjonali, jispjegaw ir-rwol ta' kull sieħeb fil-fażijiet differenti f'kull post fejn jiġi implimentat il-proġett jew il-kunċett). L-applikazzjonijiet li ma jkollhomx evidenza għal ambitu ġeografiku internazzjonali se jitqiesu bħala proġetti/kunċetti nazzjonali, marbuta man-nazzjonalità tal-applikant.

Kjarifika għall-premju “Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta' Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna”

Aħna nħeġġu lill-**applikanti** mill-Ukrajna jissieħbu fil-Komunità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u jirriflettu fuq ir-rwol tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida bħala qafas ta' gwida, f'konformità mal-politiki tal-UE, u b'hekk jgħaqdu flimkien b'mod effettiv l-oqsma tas-sostenibbiltà, l-inklużjoni soċjali, u l-isfidi kulturali.

Billi nestendu l-Premjijiet 2024 għal aplikazzjonijiet mill-Ukrajna, aħna nirrikonoxxu r-reżiljenza tal-persuni tal-Ukrajna fil-konfront ta' avversità kif ukoll il-kreattività u t-talent tagħhom flimkien mad-dedikazzjoni għall-irkupru u r-rikostruzzjoni f'konformità mal-valuri tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

B'dan il-premju speċjali li jirrikonoxxi l-aqwa proġett jew kunċett fost l-applikazzjonijiet mill-Ukrajna, għandna l-għan li nippremjaw soluzzjonijiet pendenti li jistgħu jipprovdu ispirazzjoni biex jappoġġaw it-tnejn tar-rikostruzzjoni u l-irkupru fl-Ukrajna bi prinċipju ta' “nibnu mill-ġdid aħjar”, li jħaddan sens ta' identità u ta' appartenenza b'għeruw fil-kultura lokali f'konformità mal-prinċipji tas-sostenibbiltà, tal-estetika u tal-inklużività.

Kif tapplika?

L-applikanti interessati li japplikaw għall-premju “Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta' Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna” jridu jindikaw l-interess tagħhom f'dak il-premju partikolari meta jimlew il-formola tal-applikazzjoni. L-applikazzjoni se tkun

eliġibbli wkoll biex tikkompeti fil-kompetizzjoni tal-Premjijiet ġenerali taħt il-kategorija u l-fergħa li għaliha l-applikant ikun issottometta l-applikazzjoni u, barra minn hekk, se titqies għar-rikonoxximent speċjali. Madankollu, kull proġett jew kunċett jista' jirbaħ premju wieħed biss, jew fil-kompetizzjoni ġenerali jew bħala r-rebbieħ magħżul ta' "Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta' Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna".

Kriterji ta' Eliġibbiltà:

Minbarra li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà deskritti hawn fuq, l-applikazzjoni u l-applikanti jridu jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

19. Huma biss l-applikanti mill-Ukrajna (individwi u organizzazzjonijiet) li huma eliġibbli biex japplikaw u l-proġett jew il-kunċett irid jiġi implimentat fl-Ukrajna.
20. L-individwi li japplikaw għal "Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta' Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna" għandu jkollhom nazzjonalità Ukrena jew ikunu residenti fl-Ukrajna. Persuni spostati temporanjament f'pajjiżi oħra iżda residenti fl-Ukrajna qabel l-aggressjoni tar-Russja huma eliġibbli.
21. L-organizzazzjonijiet li japplikaw għal "Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta' Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna" għandhom ikunu bbażati fl-Ukrajna. L-organizzazzjonijiet li l-attivitajiet u l-azzjonijiet ewlenin tagħhom bħalissa qed jiġu kkoordinati minn barra t-territorju tal-Ukrajna minħabba l-aggressjoni tar-Russja huma eliġibbli, dment li l-attivitajiet u l-azzjonijiet ewlenin jiġu implimentati fl-Ukrajna jew se jiġu implimentati fl-Ukrajna f'ċirkostanzi normali.
22. Applikazzjonijiet b'ambitu ġeografiku internazzjonali li jinkludu Stat Membru wieħed jew aktar tal-UE, jew/u l-Balkani tal-Punent minbarra l-Ukrajna huma eliġibbli. Madankollu, il-proġett jew il-kunċett irid ikun primarjament ibbażat fl-Ukrajna.
23. L-applikazzjoni trid tirrifletti kif il-proġett jappoġġa l-isforz ta' rikostruzzjoni u ta' rkupru fl-Ukrajna, u tirreferi b'mod ċar għall-kategorija tal-premjju sottomessa.

8. Kriterji għall-aġġudikazzjoni

Il-klassifikazzjoni finali u l-għażla tar-rebbieħa għandhom ikunu kkonfermati mill-Kumitat għall-Evalwazzjoni, li jikkonsisti minn Membri tal-Kummissjoni Ewropea li għandhom ir-responsabbiltà sħiħa għat-twettiq xieraq u l-eżitu tal-kompetizzjoni.

Il-valutazzjoni tal-kwalità tal-applikanti se titwettaq minn esperti esterni u indipendenti abbażi tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni li ġejjin. Se jingħata massimu ta' 100 punt għall-kwalità tal-proposta. Għal kull kriterju huwa meħtieġ punteġġ minimu ta' 50 %. Il-proposti li jissodisfaw dawn il-limiti biss jistgħu jkunu inklużi fil-lista tal-finalisti.

8.1. Kriterji għall-aġġudikazzjoni għall-fergħat kollha (A u B):

- a) Karattru eżemplari f'termini tat-tliet **valuri ewlenin** tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida **(40 / 100 punt)**:
1. **Sostenibbiltà:** fis-sens ambjentali, pereżempju, li jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-attivitajiet tal-bniedem, li jiġu avvanzati ċ-ċirkolarità u l-ekodisinn, li jiġu implimentati soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, li jiġi evitat it-telf tal-bijodiversità, li jiġu promossi attivitajiet ekonomiċi li jinkludu modi ta' preservazzjoni, ta' ħsieb iċċentrat madwar iċ-ċiklu tal-ħajja u r-riġenerazzjoni. Is-sostenibbiltà soċjali ma taqax f'din id-dimensjoni, u lanqas il-manutenzjoni tal-proġetti u l-finanzi sostenibbli wara l-proġett – is-sostenibbiltà “finanzjarja”.
 2. **Inklużjoni:** fid-diversi dimensjonijiet tagħha, li jvarjaw mill-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà għal kulħadd għal sistemi ta' governanza inklużivi, il-prinċipji tad-disinn universali jew mudelli soċjetali ġodda. Din tinkludi ċ-ċelebrazzjoni tad-diversità, il-promozzjoni ta' skambji interġenerazzjonali, l-indirizzar tas-segregazzjoni spazjali u l-iżolament, l-appoġġ ta' membri vulnerabbli tal-komunità, u ż-żieda fl-opportunitajiet għall-interazzjoni soċjali fost kulħadd.
 3. **L-estetika u l-kwalità tal-esperjenza għan-nies:** permezz tad-disinn u l-benefiċċji emozzjonali/kulturali, pereżempju billi jkun hemm konnessjoni mal-kwalitajiet ta' post, jitrawwem sens ta' appartenenza permezz ta' esperjenzi sinifikattivi jew jiġu integrati valuri kulturali u soċjali dejjiema ġodda.
- b) Karattru eżemplari f'termini tat-tliet **prinċipji ewlenin ta' ħidma** tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida **(35 / 100 punt)**:
1. **Proċess parteċipattiv:** l-involvement tal-komunitajiet affettwati mill-proġett fil-fażi tat-tfassil konġunt, tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-implimentazzjoni, l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet lokali.
 2. **Involvement fuq diversi livelli:** skambju effettiv kemm orizzontalment – mal-pari – kif ukoll vertikament – ma' oħrajn li joperaw fi skali differenti; biex tinħoloq rabta bejn il-partijiet ikkonċernati minn livelli differenti li għandhom skopijiet simili.
 3. **Approċċ transdixiplinari:** l-impenn tal-prattikanti u l-għarfien minn oqsma differenti kif ukoll l-użu tal-għarfien ta' persuni mhux akkademiċi u tal-pubbliku.
- c) **Dimensjoni innovattiva** meta mqabbla mal-prattiki mainstream. **(10 / 100 punt)**
- d) Potenzjal għoli għat-**trasferibbiltà u r-replikabbiltà** (eż. tal-metodoloġija, soluzzjonijiet u esperjenzi) għal kuntesti differenti. **(5 / 100 punt)**.

8.2. Kriterji għall-aġġudikazzjoni speċifiċi għall-fergħa:

Għall-fergħa A - Il-Promoturi tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida:

Riżultati, outputs jew impatt muri tal-proposta fir-rigward tal-oġġettivi tagħha, u ta' dak li huwa mistenni fil-kuntest tal-kategorija rispettiva. Dan jinkludi wkoll benefiċċji mill-proġett għal benefiċjarji diretti u indiretti. Il-kunċetti għandhom joffru soluzzjonijiet lokali għal sfidi globali. **(10 / 100 punt)**

Għall-fergħa B - L-Istlel Ġodda tal-Bauhaus Ewropea I-Ġdida:

Ir-rilevanza, il-kwalità u l-kredibbiltà tal-**pjan ta' żvilupp tal-kunċett**, b'attenzjoni partikolari għall-istadji previsti fis-sena ta' wara l-applikazzjoni. Il-pjan għandu jinkludi l-ambitu tar-riżultati u l-benefiċċji previsti mill-implimentazzjoni tal-kunċett għal

benefiċjarji diretti u indiretti. Ir-riżultati u l-benefiċċji għandhom jiġu speċifikati fir-rigward tal-obiettivi tal-kunċett, u ta' dak li huwa mistenni fil-kuntest tal-kategorija rispettiva. Il-kunċetti għandhom joffru soluzzjonijiet lokali għal sfidi globali. **(10 / 100 punt)**

8.3. Kriterji għall-aġġudikazzjoni komplementari:

Wara li titqies kif xieraq il-klassifikazzjoni tal-applikazzjonijiet abbażi tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni elenkati hawn fuq, l-għażla finali mill-ġurija (rakkomandazzjoni għar-rebbieħa fost il-finalisti) se tqis il-kriterji addizzjonali li ġejjin:

- (i) id-diversità ġeografika, filwaqt li jiġi żgurat li kwart mill-proġetti u l-kunċetti jinsabu fir-reġjuni tal-UE li qed jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi b'mod aktar intensiv, u l-postijiet li qed jiffaċċjaw l-akbar sfida minħabba li jeħtieġ li jevolvu f'ekonomija b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju. (Ara l-mapep tar-reġjuni eliġibbli kkunsidrati fl-Anness 1, flimkien ma' lista ta' dawn ir-reġjuni fl-Anness 2).
- (ii) il-bilanċ bejn l-applikazzjonijiet li jirreferu għat-trasformazzjoni fiżika tal-ambjent mibni ("hard investments") u tipi oħrajn ta' trasformazzjonijiet ("soft investments")
- (iii) id-diversità tal-kuntesti (rurali/urbani, skala żgħira/skala akbar, eċċ.).

Rigward id-diversità ġeografika, il-ġurija se tiżgura li l-ebda Stat Membru parteċipanti tal-UE, il-Balkani tal-Punent jew l-Ukrajna ma jkun irrappreżentat aktar minn massimu ta' darbtejn fost il-premijiet fil-kategoriji u l-fergħat kollha, inkluż ir-riżultat mill-votazzjoni pubblika, u l-premju "Rikonossiment Speċjali għall-Isforz ta' Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna".

Din ir-regola tapplika wkoll għal aplikazzjonijiet b'ambitu ġeografiku internazzjonali definit fil-Kriterji ta' Eliġibbiltà (il-punti 18 u 22). Dan ifisser li l-istess Stat Membru tal-UE, is-sieħeb tal-Balkani tal-Punent jew l-Ukrajna ma jistgħux jiġu rrappreżentati aktar minn total ta' erba' darbiet fost ir-rebbieħa kollha (massimu ta' darbtejn għal aplikazzjonijiet b'ambitu ġeografiku nazzjonali, u massimu ta' darbtejn għal aplikazzjonijiet b'ambitu ġeografiku internazzjonali).

9. Proċess tal-Għażla

Il-proċess tal-għażla tar-rebbieħa huwa organizzat u skrutinizzat minn Kumitat għall-Evalwazzjoni magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kumitat se jiżgura r-rispett tar-regoli applikabbli, inkluż f'termini ta' kunflitt ta' interess. Il-Kumitat ma jevalwax l-applikazzjonijiet infushom.

Il-proċess tal-għażla se jsir f'diversi stadji.

1. Kontroll tal-eliġibbiltà (ippjanat għal Novembru-Diċembru 2023)

Il-Kumitat għall-Evalwazzjoni se jirrieżamina l-applikazzjonijiet kollha biex jivvaluta l-eliġibbiltà tagħhom skont il-kriterji elenkati hawn taħt.

2. Valutazzjoni tal-kwalità (ippjanata għal Jannar-Frar 2024)

Se jintgħażlu esperti esterni mis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea biex iwettqu l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea se tippubblika "Sejħa għal Espressjoni ta' Interess" li tfittex esperti li juru għarfien espert rilevanti fir-rigward tal-

Bauhaus Ewropea l-Ġdida (diversità bbilanċjata ta' għarfien espert dwar is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-estetika). Se jitqies ukoll bilanċ bejn il-ġeneri u ġeografiku. L-esperti ma jista' jkollhom l-ebda parti jew ikunu f'kunflitt ta' interess ma' applikazzjonijiet sottomessi għall-kompetizzjoni tal-Premijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

L-esperti magħżula se jevalwaw l-applikazzjonijiet u jattribwixxu l-punti abbażi tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni msemmija fil-punt 8. Kull applikazzjoni eliġibbli se tiġi evalwata minn żewġ esperti differenti.

Il-lista ta' finalist se tiġi stabbilita billi jintgħażlu t-tliet applikazzjonijiet bl-ogħla punteġġ f'kull kategorija u fergħa għal numru minimu ta' 24 finalist. Imbagħad, il-lista tal-finalisti se tiġi kkomplementata skont ir-regoli li ġejjin:

- L-ewwel nett, jekk Stat Membru partikolari tal-UE, sieħeb tal-Balkani tal-Punent jew l-Ukrajna ma jkunx irrappreżentat fil-kampjun tal-aħjar 24 applikazzjoni, il-proġett eliġibbli bl-aħjar klassifikazzjoni minn dan il-pajjiż se jiżdied mal-lista ta' finalist.
- It-tieni, jekk minimu ta' kwart tal-finalisti ma jkunux ġejjin minn reġjuni fl-UE li qed jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi b'mod aktar intensiv, u postijiet li qed jiffaċċjaw l-akbar sfida minħabba li jeħtieġ li jevolvu f'ekonomija b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-applikazzjonijiet eliġibbli bl-ogħla klassifikazzjoni minn dawn ir-reġjuni għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' finalist (ara mappa tar-reġjuni eliġibbli kkunsidrati fl-Anness 1, flimkien ma' lista ta' dawn ir-reġjuni fl-Anness 2).
- It-tielet, jekk il-lista ta' finalist ma tinkludix minimu ta' tliet applikazzjonijiet eliġibbli għall-premju "Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta' Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna", it-tliet applikazzjonijiet eliġibbli bl-ogħla punteġġ għal dan il-premju speċifiku għandhom jiġu inkorporati u miżjuda mal-lista.

Dawn ir-regoli japplikaw dment li l-applikazzjoni(jiet) tkun/ikunu għaddiet/għaddew mill-kriterji ta' eliġibbiltà kollha, u tkun/ikunu ġabret/ġabru kwalità minima, mifhuma bħala mill-anqas 50 % tal-punti f'kull kategorija tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni.

Fil-każ li n-numru ta' finalist jkun aktar minn 60 applikazzjoni, il-Kumitat għall-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li jwettaq rieżami bir-reqqa tal-lista tal-finalisti, bil-għan li din titnaqqas għal numru konformi, f'konformità stretta mal-kriterji li ġejjin:

- (i) il-punteġġ medju derivat mill-punti attribwiti miż-żewġ esperti responsabbli għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-applikazzjoni partikolari.
- (ii) id-diversità ġeografika, filwaqt li jiġi żgurat li kwart tal-proġetti u l-kunċetti jkunu jinsabu f'reġjuni fl-UE li jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi b'mod aktar intensiv, u postijiet li qed jiffaċċjaw l-akbar sfida minħabba li jeħtieġ li jevolvu f'ekonomija b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju (ara l-mapep tar-reġjuni eliġibbli kkunsidrati fl-Anness 1, flimkien ma' lista ta' dawn ir-reġjuni fl-Anness 2).
- (iii) il-bilanċ bejn l-applikazzjonijiet li jirreferu għat-trasformazzjoni fiżika tal-ambjent mibni ("hard investments") u tipi oħrajn ta' trasformazzjonijiet ("soft investments").
- (iv) id-diversità tal-kuntesti (rurali/urbani, skala żgħira/skala akbar, eċċ.).

3. Votazzjoni pubblika (ippjanata għal Marzu 2024)

L-applikazzjonijiet tal-finalisti se jiġu ppubblikati fuq is-sit web għall-votazzjoni pubblika biex jiġi stabbilit ir-rebbieħ tal-vot pubbliku f'kull fergħa (total ta' żewġ rebbieħa). Il-votazzjoni pubblika se tkun miftuħa għall-individwi u għall-entitajiet kollha li jkunu jixtiequ jittgħu vot, diment li jkollhom indirizz tal-posta elettronika validu. Il-votazzjoni se ssir permezz ta' sistema online sigura. Kull votant se jiġi mistieden jivvota għal żewġ applikazzjonijiet f'kull fergħa (kull votant jista' jagħżel sa 4 applikazzjonijiet). L-applikazzjonijiet li jiksbu l-aktar voti f'kull fergħa se jiġu ppremjati.

4. Valutazzjoni tal-ġurija (ippjanata għal Frar-Marzu 2024)

L-applikazzjonijiet tal-finalisti se jiġu vvalutati minn ġurija finali ta' esperti magħmula minn disa' membri. L-esperti tal-ġurija finali se jintgħażlu biex tiġi żgurata diversità bilanċjata ta' għarfien expert madwar it-tliet dimensjonijiet tal-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-estetika). Se jitqies ukoll bilanċ bejn il-ġeneri u ġeografiku. Il-membri se jiċċertifikaw ukoll in-nuqqas ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess fir-rigward ta' kwalunkwe applikazzjoni finalista.

Il-ġurija finali se tavvanza proposta għat-18-il proġett u kunċetti rebbieħa f'kull kategorija u fergħa, inklużi r-rebbieħa u l-finalisti, kif ukoll ir-rebbieħ u l-finalist ta' "Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta' Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna", filwaqt li titqies il-kwalità tal-applikazzjonijiet, kif ukoll il-kriterji komplementari kollha speċifikati fil-kriterji tal-għoti.

Il-ġurija finali se topera fuq bażi ta' kunsens. F'każ ta' diverġenza persistenti ta' opinjonijiet, id-deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu b'votazzjoni b'maġġoranza sempliċi.

5. L-istabbiliment tar-riżultati (ippjanat għal Marzu 2024)

Il-Kumitat għall-Evalwazzjoni l-ewwel se jivverifika r-regolarità tal-proċess kollu, se jirrieżamina r-riżultati tal-votazzjoni pubblika u l-proposta tal-ġurija finali, u se jistabbilixxi l-lista tar-rebbieħa magħżula – total ta' 20 rebbieħa, inkluż ir-rebbieħa u l-finalisti.

Kull rebbieħ jista' jirċievi premju darba biss, jiġifieri jew permezz tal-vot pubbliku jew permezz tar-rakkomandazzjoni tal-ġurija. F'każ li xi wieħed minn dawn iż-żewġ rebbieħa tal-vot pubbliku jkunu jagħmlu parti mil-lista finali ta' 18-il applikazzjoni bl-aħjar klassifikazzjoni proposta mill-ġurija finali, dawn jiġu sostitwiti bit-tieni applikazzjoni bl-aħjar klassifikazzjoni fl-istess fergħa u kategorija. L-istess japplika għal "Rikonoxximent Speċjali għall-Isforz ta' Rikostruzzjoni u Rkupru tal-Ukrajna".

Il-Kummissjoni Ewropea se tagħti l-premijiet lir-rebbieħa magħżula abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għall-Evalwazzjoni.

10. Kanċellazzjoni tal-premju

Il-Kummissjoni tista' tikkancelja l-kompetizzjoni jew tiddeċiedi li ma tagħtix il-premju fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji jew fil-kategoriji kollha, mingħajr ebda obbligu li tikkompensa lill-parteċipanti, jekk: (a) ma tasal l-ebda applikazzjoni; (b) il-kumitat tal-evalwazzjoni ma jistax isib rebbieħ f'kull kategorija u fergħa; (c) ir-rebbieħa ma humiex eliġibbli jew iridu jiġu esklużi.

11. Irtirar tal-premju

Il-Kummissjoni tista' tirtira l-premju wara li jingħata u tirkupra l-pagamenti kollha li jkunu saru, jekk issib li: (a) intużat informazzjoni falza, frodi jew korruzzjoni biex inkiseb; (b) rebbieħ ma kienx eliġibbli jew kellu jiġi eskluż; (c) rebbieħ ikun fi ksur serju tal-obbligi tiegħu skont ir-regoli ta' hawn fuq ta' din il-kompetizzjoni.

ANNEXES

Annex 1: Maps of eligible regions and territories in the EU considered for one fourth of the prizes

Annex 2: List of eligible regions and territories in the EU considered for one fourth of the prizes

Annex 3: Eligibility Criteria at a glance

All Annexes are available on the Prizes 2024 platform, they are all in English.

Please find them just above this Guide to Applicants under 'Guide to Applicants' on the platform.